A. billi l-problema tal-persuni neqsin (Ċiprijotti Griegi, Ċiprijotti Torok, Griegi, Torok u oħrajn) hija problema esklussivament umanitarja li toħroġ mid-dritt tal-qraba tal-persuni neqsin li jsiru jafu x'sar minnhom,

B. billi l-agunija u tbatija tal-familji tal-persuni neqsin, li baqgħu fl-għama dwar id-destin tagħhom għal deċennji, ma tistax tkompli u finalment trid tieqaf,

C. billi l-Kumitat għall-Persuni Neqsin (CMP) f'Ċipru beda jaħdem mill-ġdid taħt is-superviżjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, u billi sar xi progress, għalkemm bil-mod, fl-eżumazzjoni u l-identifikar tal-fdalijiet,

D. billi l-Parlament Ewropew jilqa' bil-ferħ il-koperazzjoni kostruttiva bejn il-membri Ċiprijotti-Griegi u Ċiprijotti-Torok tas-CMP,

1. Jitlob lill-partijiet konċernati biex jikkoperaw b'mod sinċier u onest sabiex l-investigazzjonijiet adegwati dwar id-destin tal-persuni neqsin kollha f'Ċipru jitlestew bla dewmien, u biex jimplimentaw b'mod sħiħ is-sentenza ta' l-ECHR ta' l-10 ta' Mejju 2001;

2. Jitlob lill-partijiet u lil dawk kollha li għandhom jew li huma f'qagħda li jkollhom xi informazzjoni jew evidenza li toħroġ minn tagħrif personali, arkivji, rapporti mill-kamp tal-battaljas (battlefield reports) jew rekords ta' postijiet ta' detenzjoni, sabiex jgħadduha lis-CMP mingħajr aktar dewmien;

3. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jieħdu interess b'mod attiv dwar din il-problema, billi jipprovdu inter alia għajnuna finanzjarja lis-CMP u billi jieħdu l-passi kollha meħtieġa b'koperazzjoni mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti sabiex tiġi implimentata s-sentenza msemmija hawn fuq ta' l-ECHR u tar-riżoluzzjonijiet rilevanti tan-NU u tal-Parlament Ewropew;

4. Isejjaħ sabiex il-problema tkun riferuta lill-kumitat adatt tiegħu bil-ħsieb li, b'koperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, isegwi l-iżviluppi dwar il-problema; jitlob sabiex il-kumitat jissottometti rapporti perjodiċi, bl-ewwel rapport jitressaq fi żmien sitt xhur;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jibgħat din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lill-Gvernijiet ta' Ċipru, tat-Turkija, tal-Greċja u tar-Renju Unit.

**P6_TA(2007)0082**

# Il-politika reġjonali (gżejjer u r-restrizzjonijiet naturali u ekonomiċi)

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2007 dwar il-gżejjer u r-restrizzjonijiet naturali u ekonomiċi fil-kuntest tal-politika reġjonali (2006/2106(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-regolamenti li jirregolaw il-Fondi Strutturali għall-Perjodu 2007-2013,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/702/KE tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar il-linji gwida Strateġiċi tal-Komunita' dwar il-koeżjoni [1],

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li ltaqa' f'Sevilja fil-21 sat-22 ta' Ġunju 2002,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li ltaqa' fi Brussell fl-14 sal-15 ta' Diċembru 2006,

(1) ĠU L 291, 21.10.2006, p. 11.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Settembru 2003 dwar ir-reġjuni strutturalment żvantaġġjati (gżejjer, reġjuni tal-muntanji, reġjuni b'densità baxxa ta' popolazzjoni) fil-kuntest tal-politika dwar il-koeżjoni, u l-prospetti istituzzjonali tagħhom ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-13 ta' Marzu 2002 dwar il-problemi tar-reġjuni gżejjer fl-Unjoni Ewropea fil-kuntest tat-tkabbir ([2]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-7 ta' Lulju 2005 dwar ir-reviżjoni tal-linji gwida għall-assistenza Statali reġjonali ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0044/2007),

A. Billi l-Parlament Ewropew spiss ġibed l-attenzjoni għall-qagħda serja ta' gżejjer li qed ibatu minn akkumulazzjoni ta' żvantaġġi u saħaq fuq il-ħtieġa li jiġu mgħejuna biex jegħlbu dawn id-diffikultajiet u li jitnaqqsu d-differenzi reġjonali,

B. Billi l-kunċetti ta' l-ibgħad periferiji u ta' l-insularità m'għandhomx jitħalltu wieħed ma' l-ieħor, anke jekk ħafna reġjuni fl-ibgħad periferiji huma wkoll gżejjer; billi d-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' l-Artikolu 299 tat-Trattat KE, li jipprovdew bażi legali soda għall-miżuri li għandhom jittieħdu għall-għoti ta' kumpens effettiv biex jgħin lir-reġjuni fl-ibgħad periferiji, għandhom ikunu distinti mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 158 tat-Trattat KE u mid-Dikjarazzjoni fit-Trattat ta' Amsterdam dwar ir-reġjuni gżejjer, li qatt ma kienu s-suġġett ta' dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li b'riżultat tagħhom kien hemm żbilanċi fl-iżvilupp ekonomiku bejn il-qalba ta' l-UE, fuq naħa, u l-gżejjer fil-periferija tagħha fuq in-naħa l-oħra,

C. Billi l-koeżjoni, bħala waħda mill-objettivi ewlenin ta' l-UE, għandha l-għan li tiżgura l-iżvilupp multiċentrali u armonjuż billi tnaqqas id-differenzi reġjonali u tneħħi x-xkiel għall-iżvilupp, inklużi ostakli li huma marbuta ma' diżabbiltajiet naturali u ġeografiċi,

D. Billi l-prinċipju tal-koeżjoni territorjali kompla jiġi kkonsolidat fir-regolamenti dwar il-Fondi Strutturali 2007-2013, u billi dak il-prinċipju jikkostitwixxi parti integrali mill-politika ta' koeżjoni li jkun xieraq li tinżamm u tissaħħaħ fil-ġejjieni u li għandu bħala l-objettiv tiegħu l-integrazzjoni multi-ċentrali tat-territorju ta' l-UE sabiex ikunu żgurati opportunitajiet ugwali għar-reġjuni kollha u l-popolazzjonijiet tagħhom,

E. Billi l-immigrazzjoni illegali mill-baħar hija waħda mill-problemi prinċipali li qed tiffaċċja l-UE u billi, f'din l-aħħar sena, il-pressjoni tal-migrazzjoni kienet partikolarment intensa fuq il-fruntieri esterni tal-baħar ta' l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari fuq il-gżejjer tal-Mediterran, li fuqhom jaqa' piż sproporzjonat, sempliċiment minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom,

F. Billi l-Kunsill Ewropew li ltaqa' fi Brussell fl-14 sal-15 ta' Diċembru 2006 enfasizza l-ħtieġa li l-immigrazzjoni tkun indirizzata globalment, u li l-isforzi li saru s'issa jeħtieġ li jkunu rduppjati, b'mod partikulari f'uħud mir-reġjuni gżejjer ta' l-UE, peress li dawn jikkostitwixxu l-fruntieri tal-baħar u r-rotot ta' migrazzjoni ta' l-UE,

1. Jemmen li l-insularità hija kemm karatteristika ġeokulturali li potenzjalment tista' tkun sfruttata minn strateġija għall-iżvilupp, u diżabbiltajiet permanenti li minħabba fih is-sitwazzjoni rigward il-kompetittività ta' dawn ir-reġjuni ssir aktar diffiċli;

2. Jirrikonoxxi li numru ta' dispożizzjonijiet konkreti favur reġjuni li huma żvantaġġati strutturalment ġew inkorporati fir-regolamenti dwar il-Fondi Strutturali 2007-2013; jiddispjaċih, madankollu, li l-Kunsill ma aċċettax proposti importanti oħrajn mill-Parlament, bħall-possibilità li tiżdied ir-rata ta' finanzjament konġunt għal zoni affettwati minn aktar minn diżabbilta' ġeografika jew naturali waħda;

([1]) ĠU C 76 E, 25.3.2004, p. 111.
([2]) ĠU C 192, 12.8.2002, p. 42.
([3]) ĠU C 31, 7.2.2006, p. 25.

3. Jistieden lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 dwar il-programmi operattivi tar-reġjuni gżejjer, inklużi dawk ta' l-objettiv 2, biex jisfruttaw għalkollox il-mezzi li permezz tagħhom ikollhom il-possibilità li jwettqu miżuri relatati ma' xogħlijiet ta' infrastruttura li huma meħtieġa ħafna;

4. Jilqa' b'sodisfazzjon l-enfasi li ngħatat lid-dimensjoni territorjali tal-politika ta' koeżjoni fil-linji gwida strateġiċi tal-Kummissjoni dwar il-koeżjoni għall-perjodu 2007-2013; jinnota, b'mod partikulari, li l-appoġġ għad-diversifikazzjoni ekonomika taz-zoni b'diżabbiltajiet naturali huwa inkluż fost il-prijoritajiet għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss; iħeġġeġ, għalhekk, lill-awtoritajiet maniġerjali ta' l-Istati Membri kkonċernati biex iqisu bis-sħiħ din il-prijorità fit-tlestija ta' l-oqfsa strateġiċi ta' referenza nazzjonali u tal-programmi operattivi tagħhom;

5. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti attenzjoni speċjali u tindirizza s-sitwazzjoni ta' gżejjer u reġjuni oħrajn żvantaġġati strutturalment fir-Raba' Rapport ta' Koeżjoni;

6. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-kuntest tal-programm ta' ħidma tan-Netwerk Ewropew għall-Osservazzjoni ta' l-Ippjanar Spazjali (l-ESPON), tagħti attenzjoni speċjali lill-qagħda tar-reġjuni, u b'mod partikulari l-gżejjer, li għandhom diżabbiltajiet naturali; iqis li għarfien sod u sħiħ tal-qagħda fil-gżejjer huwa essenzjali jekk wieħed irid li l-karatteristiċi speċjali tagħhom jitqiesu b'mod sodisfaċenti; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jistabbilixxu mekkaniżmi speċifiċi li jippermettu l-ġbir ta' dejta rilevanti li tikkonċerna l-gżejjer fil-livell lokali, li wara tingħadda lill-EPSON;

7. Jistieden lill-Kummissjoni biex taġġorna l-informazzjoni statistika li kisbet matul l-istudji kollha ta' l-2003 li kkonċernaw il-gżejjer; jemmen li xogħol ulterjuri għandu jkun orjentat lejn definizzjoni ta' indikaturi statistiċi aktar adattati biex jipprovdu stampa statistika ċara tal-livell ta' żvilupp, u fehim sodisfaċenti tar-reġjuni b'diżabbiltajiet ġeografiċi u naturali, u b'mod partikulari fejn hemm diffikultajiet akkumulati, bħal ktajjen ta' muntanji, gruppi ta' gżejjer, u każijiet ta' insularità doppja; jisħaq li dawn l-indikaturi għandhom ukoll jippermettu evalwazzjoni mtejba tad-differenzi bejn dawn ir-reġjuni u l-bqija ta' l-UE kif ukoll evalwazzjoni tad-differenzi li jeżistu f'dawn ir-reġjuni nfushom; jistieden lill-Kummissjoni biex tirreġistra u tirrapporta dwar dawn l-indikaturi fuq bażi regolari, flimkien ma' eżempji ta' l-aħjar prattika;

8. Jirrikonoxxi l-fatt li l-Kummissjoni tisħaq fuq is-sitwazzjoni speċjali tal-gżejjer u tar-reġjuni periferiċi fil-linji gwida għall-għajnuna nazzjonali għar-reġjuni għall-2007-2013 u fil-linji gwida dwar l-assistenza statali u kapital tar-riskju għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; iqis, madankollu, li sabiex jiġi trattat b'mod aktar sodisfaċenti l-iżvantaġġ permanenti ta' territorji bħal dawn, għandu jkun hemm aktar flessibilità fl-implimentazzjoni tal-linji politiċi eżistenti u futuri ta' assistenza statali, iżda tali flessibilità m'għandiex toħloq distorzjonijiet mhux aċċettabbli fis-suq fl-UE; jitlob lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-approċċ tagħha sabiex tqis aktar il-ħtieġa tal-gżejjer li jgawdu minn aċċess għas-suq intern b'kundizzjonijiet indaqs mar-reġjuni fil-kontinent; iqis, f'dan ir-rigward, li kollegamenti tat-trasport imtejba għandhom ikunu azzjoni ta' prijorità f'dan il-qasam, b'mod speċjali fil-każ ta' portijiet u ajruporti;

9. Jitlob lill-Kummissjoni biex tistudja l-possibbiltà li tippermetti li tingħata assistenza statali lil reġjuni gżejjer fejn b'mod ċar l-ispejjeż tal-fjuwil u ta' l-enerġija jaffettwaw ħażin il-kompetittività tal-komunitajiet li jgħixu fihom; jinnota, b'mod partikulari, li tlugħ u nżul sinifikanti fil-prezz tal-fjuwil jista' jwassal biex it-trasportazzjoni bejn ir-reġjuni gżejjer u l-Ewropa kontinentali tkun piż aktar minn qabel; jemmen li, fil-linji gwida li jmiss għall-għajnuna nazzjonali għar-reġjuni, sistema li tippermetti għajnuna għall-operat għandha tkun estiża għar-reġjuni gżejjer kollha li mhumiex stati gżejjer jew gżejjer ġewwiena;

10. Jistieden lill-Kummissjoni biex tħejji u tippreżenta lill-Parlament, fuq bażi regolari, "evalwazzjoni tal-ħtiġijiet speċjali" tar-reġjuni gżejjer fejn tqis kwistjonijiet ta' interess speċifiku għall-gżejjer u tipproponi miżuri kif jistgħu jkunu indirizzati; jaħseb li analiżi bħal din għandha tiffoka b'mod partikulari fuq l-impatt fuq il-gżejjer ta' l-implimentazzjoni tal-politika reġjonali, inklużi l-livelli ta' investiment, it-tixrid ta' attività ekonomika, in-nuqqas ta' xogħol, l-infrastruttura tat-trasport (l-aktar il-portijiet u l-ajruporti), pressjonijiet ambjentali u l-livell globali ta' integrazzjoni ekonomika u soċjali tal-gżejjer fis-suq intern;

11. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw ħarsien effettiv tal-karatteristiċi ambjentali, kulturali u soċjali speċjali tar-reġjuni gżejjer permezz ta' miżuri, bħat-tfassil ta' pjanijiet għall-iżvilupp reġjonali xierqa u l-ikkontrollar ta' l-attività tal-bini u l-kostruzzjoni, u barra minn hekk, biex jadottaw, f'koperazzjoni mal-Kummissjoni, programmi integrati li jissalvagwardjaw il-wirt kulturali u r-riżorsi ambjentali;

12. Japprova l-approċċ transettorjali li qed jintuża għall-implimentazzjoni tal-linji politiċi Komunitarji, kif rifless fil-green paper tal-Kummissjoni bit-titolu "Lejn Politika Marittima ta' l-Unjoni għall-ġejjieni: Viżjoni Ewropea għall-Oċeani u l-Ibħra", u jinsisti li dan l-approċċ għandu jkun applikat l-iktar għal gżejjer li jikkostitwixxu parti fundamentali tad-dimensjoni marittima ta' l-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni biex testendi l-metodu transsettorjali għal linji politiċi oħrajn sabiex dawn iqisu ċ-ċirkustanzi speċifiċi tar-reġjuni gżejjer, b'hekk tagħti spinta lill-kapaċità tagħhom li jintegraw bis-sħiħ u jgawdu l-benefiċċji tas-suq intern u l-Istrateġija ta' Liżbona;

13. Jiġbed attenzjoni speċjali għal gżejjer 'il bogħod minn ċentri kbar ta' popolazzjoni li, għalhekk, jesperjenzaw diffikultajiet ta' aċċess u fil-forniment ta' servizzi u jkollhom aktar spejjeż, b'mod partikulari fir-rigward tat-trasport, li jqegħdhom fi żvantaġġ kompetittiv;

14. Jinkoraġġixxi l-isforzi li saru lejn politika marittima Komunitarja olistika, li se titwessa' lil hinn mill-fruntieri legali ta' l-UE, u għaldaqstant se tistabbilixxi, bis-saħħa tal-pożizzjoni ġeopolitika vantaġġjuża tal-gżejjer tal-Komunità, relazzjonijiet kummerċjali, ekonomiċi u politiċi u koperazzjoni teknika (skambju ta' għarfien u kompetenzi) b'saħħithom mal-pajjiżi ġirien fuq il-bażi tal-liġi marittima internazzjonali, ir-rispett u l-benefiċċju reċiproku;

15. Iqis li l-gżejjer jiffaċċjaw spejjeż għal kull ras ogħla mill-medja fir-rigward ta' l-infrastruttura tat-trasport u ta' l-ambjent kif ukoll rigward il-ħtiġijiet ta' enerġija tagħhom u ta' spiss isibuha aktar bi tqila biex jimplimentaw ċerti partijiet ta' l-acquis li forsi ma jqisux bis-sħiħ il-karatteristiċi speċifiċi tagħhom; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni biex tadotta metodu aktar flessibbli lejn il-gżejjer fit-tfassil tal-politika u fil-leġiżlazzjoni, li l-implimentazzjoni tagħhom taf tkun piż partikularment kbir għall-gżejjer;

16. Jitlob lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi, fi ħdan id-Direttorat-Ġenerali tal-Politika Reġjonali, unità amministrattiva għall-gżejjer, fuq il-mudell ta' l-unità amministrattiva attwali għall-ibgħad reġjuni, sabiex ikun żgurat li l-karattateristiċi speċjali u l-ħtiġijiet tal-gżejjer, u tal-popolazzjonijiet permanenti u staġjonali tagħhom, jingħata każ tagħhom b'mod sistematiku fl-iżvilupp tal-politika li għandha l-għan li tilħaq koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali, u fl-implimentazzjoni ta' miżuri, b'mod partikulari fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija, l-iżgurar ta' provvisti ta' l-ilma adegwati, is-sorveljanza ta' zoni tal-fruntiera reġjonali u l-ħarsien ta' l-ambjent fraġli tal-gżejjer;

17. Jixtieq jara lill-Kummissjoni tisfrutta aktar il-possibilità li joffri t-Trattat KE għall-addattament tal-politiki Komunitarji li jafu jħallu effetti negattivi fuq l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali ta' dawn ir-reġjuni, bil-għan li, kemm jista' jkun, ikun hemm rimedju għall-problemi ewlenin li jaffettwaw speċifikament kull reġjun jew grupp ta' reġjuni gżejjer;

18. Iqis li għandha tingħata attenzjoni speċjali lil dawk l-oqsma ta' attività ekonomika li huma aktar prevalenti fil-gżejjer, b'mod partikolari l-agrikoltura, is-sajd, it-turiżmu u s-snajja'; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-inizjattivi ta' politika tagħha jqisu dejjem aktar il-ħtiġijiet speċifiċi tal-gżejjer f'dawn l-oqsma;

19. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra liema huma l-aġġustamenti meħtieġa għat-test "investitur fis-suq" għall-assistenza statali sabiex ikunu riflessi r-realtajiet tal-ħajja fil-gżejjer u reġjuni remoti oħrajn fejn jista' jkun impossibbli li jinstab jew ikun evalwat investitur fis-suq għaliex m'hemm l-ebda wieħed fiz-zona; huwa wkoll improbabbli li jintlaħaq il-livell medju ta' dħul għal settur partikulari minħabba d-daqs żgħir u n-natura remota tas-swieq, u għalhekk għall-gżejjer remoti huwa impossibbli li jgħaddu minn dan it-test;

20. Jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina b'mod partikulari l-impatt tal-bidla fil-klima fuq reġjuni gżejjer u, b'mod speċjali, it-taħrix tal-problemi attwali, bħan-nixfa, u biex tippromwovi, f'koperazzjoni ma' l-Istati Membri, l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji xierqa jew miżuri oħrajn li jindirizzaw dawn il-problemi;

21. Jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina mill-ġdid il-kundizzjonijiet relatati ma' kuntratti pubbliċi li jikkonċernaw it-trasport sabiex jitneħħa kwalunkwe ostakolu fir-rigward ta' l-obbligi li jiġi provdut servizz pubbliku sabiex ikunu ffaċilitati kollegamenti tat-trasport mar-reġjuni gżejjer;

**Il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007**

22. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti prijorità lis-sigurtà ta' l-enerġija tal-gżejjer u lill-finanzjament għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti sabiex għall-produzzjoni ta' l-enerġija bl-użu ta' teknoloġiji ġodda u sorsi ta' enerġija li jiġġeddu u biex ikun promoss l-użu effiċjenti ta' l-enerġija, waqt li jitħares l-ambjent u l-isbuħija naturali tiegħu;

23. Jinkoraġġixxi lill-komunitajiet tal-gżejjer biex jużaw l-Ewroreġjuni jew netwerks Ewropej simili għall-immaniġġjar tal-koperazzjoni interreġjonali, l-iskambju ta' prattika tajba kif ukoll l-iżvilupp ta' proġetti transkonfinali u integrazzjoni aħjar tal-komunitajiet tal-gżejjer fiz-zoni ekonomiċi ta' madwarhom;

24. Jinkoraġġixxi lill-komunitajiet tal-gżejjer biex jużaw il-faċilitajiet finanzjarji u ta' mmaniġġjar pprovduti minn JASPERS (Għajnuna Konġunta fl-Appoġġ għall-Proġetti fir-Reġjuni Ewropej) u JEREMIE (Riżorsi Konġunti Ewropej għall-Intrapriżi Mikro sa Medji), sabiex jisfruttaw ir-riżorsi disponibbli għall-iżvilupp reġjonali u jkattru t-tkabbir fost intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju li jinkoraġġixxu d-diversifikazzjoni ta' l-ekonomiji tal-gżejjer u jippromwovu t-tkabbir organiku permezz ta' żvilupp sostenibbli; jinkoraġġixxi wkoll l-implimentazzjoni fuq livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew, ta' l-inizjattiva għal "leġiżlazzjoni aħjar" bl-idea li, fost affarijiet oħra, jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti amministrattivi, notevolment f'dak li għandu x'jaqsam mat-tressiq u l-evalwazzjoni ta' applikazzjonijiet għal għajnuna finanzjarja;

25. Jirrikonoxxi r-riżultat pożittiv milħuq rigward l-implimentazzjoni, għall-ewwel darba, ta' riżorsi Ewropej għall-kontrolli tal-fruntieri, u jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta reċenti tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi mekkaniżmu għall-ħolqien ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri (COM(2006)0401), bl-għan li tingħata għajnuna operattiva u teknika b'mod rapidu lil kwalunkwe Stat Membru li jitlob din l-għajnuna; jemmen, madankollu, li l-attivitajiet ta' timijiet bħal dawn ikunu effettivi biss jekk ikollhom kompetenzi definiti b'referenza, kif dovut, għall-kompetenzi ta' l-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija tal-Koperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (FRONTEX); iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex teżamina l-ħtieġa li jinħoloq korp Ewropew għall-għassa tal-kosta sabiex jgħin, b'mod parallel, lil dawn ir-reġjuni u lill-Istati Membri fil-monitoraġġ tal-fruntieri esterni ta' l-UE;

26. Jerġa' jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-inizjattivi u l-attivitajiet li jsiru mill-FRONTEX u jitlob li din tissorvelja, fuq bażi kontinwa, l-impatt ta' l-immigrazzjoni illegali fuq il-komunitajiet tal-gżejjer; jitlob lill-Kummissjoni u lill-FRONTEX biex jieħdu fil-pront azzjoni ta' appoġġ għall-gżejjer sabiex itaffu l-pressjoni immedjata li għandhom biex jittrattaw il-problema waqt li jiżguraw ir-rispett dovut għad-drittijiet tal-bniedem; jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi meħtieġa għall-azzjoni rapida u effettiva; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza ta' koordinazzjoni u koperazzjoni iktar b'saħħithom u mill-qrib bejn il-gżejjer, u l-bżonn ta' aktar involviment min-naħa ta' dawn ir-reġjuni fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali;

27. Jistieden lill-Kummissjoni biex titfa' enfasi partikulari fuq l-iżvilupp tal-broadband u biex tippromwovi miżuri għas-soluzzjoni tad-diffikultajiet speċifiċi fil-provvediment ta' servizzi f'reġjuni gżejjer, bħas-servizzi għall-kura tas-saħħa u s-servizzi mediċi online, il-governanza elettronika u servizzi liċ-ċittadini;

28. Iqis li t-turiżmu jirrappreżenta riżors ewlieni għall-ħolqien tal-ġid għall-parti l-kbira tal-gżejjer, billi għandu influwenza diretta fuq it-tkabbir ta' setturi oħrajn (l-agrikoltura, il-kummerċ, is-servizzi, is-sajd), u li hu imperattiv li tkun stabbilita politika integrata li tkun kapaċi tiżgura s-sostenibilità tat-turiżmu fil-gżejjer; jemmen li din il-politika trid tkun akkumpanjata minn kampanja Ewropea ta' informazzjoni organizzata tajjeb u immirata lejn ċittadini Ewropej permezz tal-ħolqien ta' tikketta ta' kwalità u ta' oriġini mill-gżejjer, u t-twelid jew l-iżvilupp ulterjuri ta' setturi ta' attività oħrajn fil-gżejjer; jistieden lill-Kummissjoni, b'dan l-iskop, biex twettaq analiżi transsettorjali li tagħti attenzjoni partikulari lill-opportunitajiet ta' appoġġ għat-turiżmu sostenibbli fi ħdan l-istrateġiji reġjonali tal-gżejjer li huma 'l bogħod miċ-ċentri ta' popolazzjoni;

29. Jipproponi li l-Kummissjoni u l-Istituzzjonijiet l-oħrajn jiddedikaw is-sena 2010 bħala s-Sena Ewropea tal-Gżejjer;

30. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.